# L-emissjonijiet tal-Power Stations aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-internet

**L-emissjonijiet tal-Power Stations ta' Delimara u l-Marsa jistgħu jiġu vverifikati kuljum fuq l-internet, b'informazzjoni għal kull siegħa u kif dawn l-emissjonijiet jikkumparaw mal-livelli stabbiliti mill-Unjoni Ewropea.**

Dan qalu l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment Tonio Fenech waqt li lbieraħ filgħaxija ppreżenta żewġ kompjuters lill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk biex il-pubbliku jkollu aċċess għal din l-informazzjoni.

Il-pubbliku jista' wkoll jaċċessa r-rapport tal-emissjonijiet minn fuq is-sit

http://www.enemalta.com.mt/emissionreports/

Il-Ministru Tonio Fenech iddeskriva l-estensjoni tal-*Power Station* ta' Delimara bħala deċiżjoni importanti għall-futur ekonomiku u soċjali tal-pajjiż. Il-Gvern, b'responsabbiltà, għażel l-aħjar teknoloġija fiċ-ċirkustanzi ta' pajjiżna. Li kieku l-għażla ma kinitx dik tal-*fuel*, li hi għażla li jagħmlu bosta *Power Stations* f'pajjiżi oħra madwar l-Ewropa, il-prezz tal-elettriku, u għalhekk il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, kien jiżdied bi 30%. Madankollu, l-użu tal-*fuel* se jsir flimkien mal-aqwa teknoloġija li tibdel il-gassijiet li jiġu prodotti fi skart li jinqabad u jintrema bl-aktar mod sigur possibbli. Hu enfasizza li l-iskart prodott mhux se jkun tossiku.

Tonio Fenech qal li l-Gvern irid li dan ikun proċess trasparenti, għalhekk dawn l-emissjonijiet se jkunu disponibbli elettronikament biex kulħadd jista' jaċċessahom liberament. Hu ħabbar ukoll li l-Gvern għandu l-ħsieb li jwaqqaf *Monitoring Committee* li fih se jkunu mistiedna wkoll rappreżentanti tal-NGOs kif ukoll tal-Kunsilli Lokali taz-zona biex jaraw li dak li l-Enemalta tintalab tagħmel fl-IPPC mill-MEPA ikun qed jiġi osservat.

Il-Ministru fakkar li l-impjant jirrispetta l-livelli Ewropej, kemm għaliex hemm l-obbligu tal-konformità mal-liġijiet tal-UE kif ukoll għaliex parti mill-finanzjament tal-impjant ġej mill-Bank għall-Investiment Ewropew. Dan barra l-fatt li t-teknoloġija użata hi ferm aktar nadifa u effiċjenti minn dik użata fil-*Power Station* tal-Marsa, li tkun tista' tingħalaq grazzi għal dan il-proġett.

Tonio Fenech irrimarka li l-emissjonijiet attwali juru li l-*carbon monoxide* (CO) huwa negliġibbli filwaqt li s-*sulpher dioxide* ($SO_2$) u t-trab qegħdin taħt il-limiti tal-UE. Fir-rigward tan-*nitrous oxides*, il-livelli jinqabżu marġinalment, u l-Enemalta bħalissa għaddejja b'*tender* għall-installazzjoni ta' makkinarju avvanzat ta' modifika tal-*boilers* biex pajjiżna jkun jista' jilħaq l-istandards anke f'dan il-livell.



Il-preżentazzjoni taż-żewġ kompjuters lill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li saret lbieraħ filgħaxija minfejn il-pubbliku għandu aċċess għall-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-Power Stations (Ritratt: Nicholai Mifsud)

Għall-preżentazzjoni kienu preżenti wkoll l-Assistant Parlamentari Robert Arrigo u Franco Debono kif ukoll is-Sindku ta' Marsaxlokk u diversi kunsilliera.

Kien proprju fuq insistenza ta' Franco Debono u wara li għamel numru ta' mistoqsijiet parlamentari li kien installat dan il-kompjuter fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

Dwar dan Franco Debono qal fil-Parlament li hu importanti li tkun rispettata s-saħħa tar-residenti tal-inħawi. L-istess deputat issuġġerixxa wkoll li kompjuter bħal dan jitpoġġa fil-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa.

SIMONDS FARSONS CISK plc

It-63 Laqgħa Ġenerali Annwali

Simonds Farsons Cisk plc tixtieq tinforma lill-azzjonisti tagħha, li isimhom jidher fuq ir-reġistru tas-Central Securities Depository tal-Borża ta' Malta, li hija bagħtitilhom l-Avviż Uffiċjali, ir-Rapport Annwali u r-Rendikont Finanzjarju għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Jannar 2010 kif ukoll il-Formola Uffiċjali tal-Prokura fir-rigward tat-63 Laqgħa Ġenerali Annwali, li se ssir fl-24 ta' Ġunju 2010.

Id-dividend, skond kif ser ikun approvat fil-Laqgħa Ġenerali Annwali, ser jitħallas lill-azzjonisti li isimhom jidher fuq ir-reġistru tas-Central Securities Depository tal-Borża ta' Malta fit-tmiem tan-negozju nhar is-27 ta' Mejju 2010.

L-azzjonisti li isimhom sejjer ikun fuq ir-reġistru fis-27 ta' Mejju 2010 u li ma jirċievux l-avviż tal-Laqgħa Ġenerali Annwali huma ġentilment mitluba biex iċemplu:

**L-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kumpanija**
Simonds Farsons Cisk plc,
Il-Birrerija, Triq l-Imdina, Mrieħel BKR 3000, Malta.
Telefon: 2381 4291

*Arthur Muscat*
*Segretarju tal-Kumpanija*
*20 ta' Mejju, 2010*

FARSONS GROUP
Farsons




Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati fl-10 ta' Marzu 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3732/08, fl-ismijiet Kummissarju tal-Art vs Jesmond Nappa Licari, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Jesmond Nappa Licari ta' 110, Flat 2, Triq San Ġużepp, Valletta, fid-9 ta' Settembru 2008, il-Kummissarju tal-Art ta' Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, Valletta, qiegħed għall-fini tal-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata markata Dok. A u jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €2,965.28 dovuta bħala bilanċ ta' kera ta' 110, Flat 2, Triq San Ġużepp, Valletta għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 1999 sat-30 ta' Settembru 2008.

Fin-nuqqas ta' ħlas jew ta' oppożizzjoni da parti tiegħek skont l-imsemmi Artikolu 466 l-esponenti jgħaddi għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Mejju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali